

# Dwal fix-Xagħra ta' l-Imgħoddi

minn
***Michael F. Cini***

Lejla sajfija fl-ewwel ġranet tax-xahar ta' Settembru. Ftit ġranet oħra u tasal il-festa tal-Bambina. Il-pjazza tax-Xagħra. Pjazza kbira u sabiħa. Waħda mill-isbaħ pjazez li nsibu f'Għawdex. Mixegħla ta' dwal kull fejn tħares. Kuluri differenti ta' dwal, fejn jiddomina l-iktar il-kulur blu. Ristoranti u ħwienet imżejna bi spettaklu ta' dwal neon u ta' bozoz ta' kull daqs u għamla, fejn il-lingwa Maltija titħallat ma babilonja ta' lingwi - Ingliż, Taljan, Franċiż.

Il-pjazza tax-Xagħra daqs mitt sena ilu. Pjazza mħarbta u kollha stofof, fejn minn ġo nofsha jserrep passaġġ dejjaq li minnu l-bidwi bil-bhima tiegħu kien iterraq lejn l-għelieqi tiegħu. Bil-lejl dlam taqtgħu b'sikkina, fejn xi fanal tal-pitrolju, bid-dawl bati tiegħu, bil-kemm idawwal il-ħajt li miegħu kien ikun imwaħħal. Dlam ċappa, fejn, kif jgħid il-Malti, tista' toqtol u tidfen. Baħħ, pjazza battala.

Insibu, fl-istorja tal-gżejjer Maltin, li f'bosta okkażjonijiet niesna għexu ħajja fi żmien ta' gwerer. Ħafna drabi, kull dawl li jidher minn barra seta' kien oġġett ta' theddid. Niftakar sewwa li fl-aħħar Gwerra Dinjija (1939 - 1945) kellna l-liġi tal-*blackout*, fejn ma seta' jidher l-ebda dawl minn barra, u l-*curfew*, fejn ħadd ma seta' joħroġ barra minn daru wara ċertu ħin.

Għalkemm dan, minn żmenijiet bikrija, misserijietna tal-qedem ħassew il-bżonn tad-dawl biex jiksru xi ftit is-satra sewdenija tal-lejl. Mhux l-ewwel darba li fl-oqbra jew l-imqades tagħhom instabu msiebaħ tad-dawl. Dawn kienu jkunu magħmula mill-fuħħar. Biex ma jintfewx waqt il-ġarr minn post għal ieħor, kienu jitqiegħdu fl-imnajjar. Dawn kienu qishom bombli, b'tiċrita fihom biex jitqiegħed il-musbieħ taż-żejt mixgħul fihom. L-imnajjar kien ikollhom speċi ta' widna, biex ikunu jistgħu jinġarru aħjar.

Mezz ieħor ta' dawl f'dawk iż-żmenijiet imbiegħda kienu l-banijiet. Dawn kienu jkunu magħmula minn ħbula tal-ħaxixa miksijin bil-qatran jew żift. Biex jiksru xi ftit id-dalma tal-lejl, kienu jintużaw ukoll fjakkli tal-fuħħar mimlijin bix-xaħam.

Kien għal ħabta ta' nofs is-seklu tmintax li l-Gran Prijur tal-Ġermanja, il-Kavallier Nisselrode, minn flusu, b'devozzjoni waqqaf erba' statwi tal-ġebel ta' erba' qaddisin ġiżwiti. Dawn tpoġġew fl-erba' kantunieri ta' l-universita' l-qadima fil-Belt Valletta. Kien biss ftit wara li, bħala devozzjoni, bdew jitpoġġew'l hawn u 'l hemm fanali man-niċeċ. Billi ġeneralment dawn l-istatwi tal-qaddisin kienu jkunu fil-kantunieri tat-toroq, kull fanal kien jarmi d-dawl ta' l-inqas għal żewġ jew tlett toroq. L-idea ntogħġbot, u l-belt kapitali ma damitx ma mtliet b'diversi fanali.

Dan id-dawl bil-fanali kellu wkoll l-użu prattiku tiegħu, għax b'hekk kienet tinkiser xi ftit id-dalma tal-lejl. F'Għawdex din id-drawwa daħlet ukoll, u b'hekk it-toroq, ftit jew wisq, bdew jiddawlu.




*Musbieħ ta' żmien il-Ħaġar*




*Dumink Galea ("Tan-Nirna") man-nepputi Dominic*

Minn naħa tagħhom, l-awtoritajiet ċivili għarfu u nkoraġġew din id-drawwa tal-mixgħela tat-toroq. F'ġabra ta' ordinanzi, msejħa *Raccolta di Proclami, Ordinanze, Notificazioni ed altri Atti*, V, II (Malta) (5/10/1813 - 1/3/1854), insibu dan li ġej: "*L'ufficiale incaricato delle opere pubbliche e della illuminazione delle strade potra' dare ordini e prendere le opportune misure per....le illuminazioni delle strade; e per fare attaccare in qualunque luogo lampioni ed altre opere necessarie per tale illuminazione*". Bil-Malti, dan ifisser: "l-uffiċċjal inkarigat mix-xogħolijiet pubbliċi u mill-mixgħela tat-toroq jista' jagħti ordnijiet u jieħu l-passi neċessarji għal....mixgħela tat-toroq, u biex jitwaħħlu fi kwalunkwe post fanali u affarijiet oħra neċessarji għal dan id-dawl".

Mal-miġja ta' l-Ingliżi fl-1800, il-fanali bil-lampi taż-żejt bdew jitwaħħlu f'diversi bliet u rħula f'Malta. Biex titjieb aktar il-qagħda, fl-1856, it-toroq bdew jinxtegħlu bil-bekkijiet tal-gass. Kellhom jgħaddu kważi tletin sena oħra meta, fit-2 ta' Jannar 1882, inxtegħel f'Malta għall-ewwel darba d-dawl elettriku. Dan kien meta fit-Teatru Rjal kienet qed issir l-opra *Tutti in Maschera*.

Naturalment, tgergir u kritika minn dejjem kienet issir. Fil-fatt, dwar il-fanali mixgħula biż-żejt, insibu fil-*Malta Times* tat-13 ta' Settembru 1853 ittra ta' korrispondent fejn jilmenta li l-lampi huma maħmuġin u li ż-żejt użat fihom hu ta' kwalita' nferjuri: "*the lamps themselves are miserable and dirty....the oil used in them must be of the very worst quality*". Xi ħaġa kurjuża dwar l-użu tal-gass kienet li dan ma kienx jinxtegħel minn jumejn qabel ma l-qamar ikun kwinta sa jumejn wara. Jidher li wkoll f'dak iż-żmien kellna esperti ta' l-ekonomija.

F'Għawdex, is-sitwazzjoni dwar l-introduzzjoni ta' fanali għal mixgħela fit-toroq pubbliċi kienet totalment differenti minn dik f'Malta. Donnu li Għawdex minn bosta snin ilu kellu, u nista' ngħid li għad għandu, l-isfortuna li jkun is-*Cinderella* tal-gżejjer Maltin. Kien biss għal ħabta ta' nofs is-seklu dsatax li, skond il-*Malta Government Gazette*, nsibu li fl-estmi tas-sena 1850 ġew ivvutati xi flus biex jitwaħħlu xi fanali f'toroq pubbliċi f'Għawdex.

Għalkemm dan, in-numru ta' fanali pprovduti għal Għawdex kien għadu żgħir wisq, u l-parti l-kbira tal-gżira Għawdxija kienet għada fid-dlam. Dwar dan, ix-Xagħrin kienu minn ta' l-ewwel li għamlu diversi lmenti ma l-awtoritajiet ċivili. Insibu li fl-1889 l-Assistent Segretarju għal Għawdex għamel din it-talba lis-superjuri tiegħu "nieħu din l-opportunita' biex nissottometti għal kunsiderazzjoni, ix-xewqa l-aktar kbira, għal fanali fix-Xagħra". B'riżultat ta' dan, ġie deċiż li jitwaħħlu tlieta w għoxrin fanal f'Għawdex, li tlieta minnhom biss kellhom jitwaħħlu fix-Xagħra!

Kellu jgħaddi kważi kwart ta' seklu ieħor biex rajna mixgħela bid-dawl elettriku. Hawnhekk, forsi għandna biex inkunu kburin aħna x-Xagħrin, li din l-ewwel mixgħela elettrika saret fl-okkażjoni ta' lejljiet u nhar il-festa tal-Vitorja tas-sena 1925. Din kienet biss inizjattiva privata mis-Sur Loreto Xuereb. Biex inkun għidt kollox, il-provista elettrika f'Għawdex ġiet inawgurata fl-1 t'Awissu 1926. Dakinhar ġiet mixgħula l-magna tal-*luce elettrica* tal-gvern, fir-Rabat, wara s-Seminarju.

Kellhom jaslu s-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor biex ikollna d-dawl elettriku fix-Xagħra. Iżda kif jgħidu t-Taljani, "*meglio tardi che mai*" - aħjar tard milli qatt!

**Il-fanali tal-pitrolju fix-Xagħra, Għawdex**

Kif diġa' għidt qabel, f'Għawdex l-ewwel fanali fit-toroq pubbliċi dehru għal ħabta tas-sena 1850. Dawn twaħħlu fir-Rabat u kienu jinxtegħlu biż-żejt.

Skond tagħrif meħud mill-Arkivju Nazzjonali t'Għawdex, jidher li għal ħabta tas-sena 1885 kienu diġa' jeżistu xi fanali fix-Xagħra. Dwar dan,



*Il-Kebbies tal-fanali*



Fdal mill-istruttura ta' fanal tal-pitlorju, bejn Triq Patri Mattew Sultana u Triq it-Tiġrija, Xagħra

insibu rapport mibgħut lill-Assistent Segretarju għal Għawdex fis-26 t'Ottubru tas-sena 1889. Fost affarijiet oħra, jingħad li "madwar erba' snin ilu, il-Gvern qiegħed żewġ fanali quddiem il-knisja parrokkjali tax-Xagħra, bil-kundizzjoni li dawn jinxtegħlu u jinżammu fi stat tajjeb ta' manutensjoni mill-kappillan. Ġejt mgħarraf li dawn il-fanali ġew mixgħula biss f'numru żgħir ta' ljieli u osservajt li huma fi stat tant ħażin li fi żmien qasir ser ikun meħtieġ li jinbidlu b'oħrajn ġodda".

Għall-ewwel darba, fir-*Risorgimento*, insibu li l-gvern nieda l-offerti għal mixegħla bil-pitrolju ta' fanali għall-irħula Għawdxin. *"Fine questa settimana (21-11-1898) si ricevono offerte per la illuminazione di alcuni villaggi nel Gozo-*

| | |
|---|---|
| *Garbo* | *- 8 fanali* |
| *Zebbug* | *- 4 fanali* |
| *Sannat* | *- 4 fanali* |
| *Xeuchia* | *- 6 fanali* |
| *Cala* | *- 8 fanali* |
| *Nadur* | *- 11 fanali* |
| *Caccia* | *- 10 fanali* |
| *Ghajnsielem* | *- 5 fanali* |
| *Totale* | *51 fanali".* |

Għal raħal kbir bħax-Xagħra (*Caccia*), naħseb li n-numru allokat ta' għaxra kien xi ftit żgħir. Fil-fatt, insibu li l-Assistent Segretarju għal Għawdex, is-Sur P. Trapani, għamel din l-osservazzjoni "Nieħu din l-opportunita' biex nissottometti għal kunsiderazzjoni x-xewqa kbira għal aktar fanali fix-Xagħra.... peress li n-numru li ġie mogħti mhux biżżejjed". Naħseb li ma nkunx qed niżbalja jekk ngħid li l-kappillan maħbub ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Diacono, flimkien mal-kleru tal-parroċċa tax-Xagħra, kien ikun minn ta' quddiem biex itejjeb l-istil ta' ħajja tal-poplu Xagħri. Ħafna drabi, r-risposta uffiċċjali mill-awtoritajiet ċivili kienet tkun waħda negattiva. "In-numru ta' lampi għal Għawdex jista' jiżdied biss billi jonqsu dawk approvati għal Malta. Xi ħaġa li jien m'hiniex lest li nirrakkomanda".

Kull flgħaxija
kif ma' l-għabex
tnin u tmut saħħet il-jum,
jiġi Majsi bis-sellum,

u jixgħelli taħt it-tieqa
fanal ċkejken,
li tal-lejl itaffi d-dieqa.

Hekk isellem lil Majsi, *Il-Kebbies tal-Fanali*, il-poeta tan-natura Anton Buttigieg. Mhux ta' b'xejn li dan l-Għawdxi li laħaq l-għola kariga, dik ta' President tar-Repubbblika, ifakkarna f'Majsi, figura li fi tfulitu kienet tant familjari.

Kif semmejt qabel, sa mill-1885, insibu li fix-Xagħra diġa' kien hawn żewġ fanali quddiem il-knisja parrokkjali. Fil-21 ta' Novembru 1898 ħarġet l-offerta mill-gvern għal mixegħla tal-fanali. Din kienet tkopri l-għaxar fanali li kienu ġew allokati lix-Xagħra. Il-kebbiesa tal-fanali fix-Xagħra, minn dak iż-żmien sakemm inqatgħet il-mixegħla tal-fanali, kienu diversi u mhux il-lok li jissemmew wieħed wieħed.

Sal-ħabta tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor, in-numru ta' fanali f'Għawdex u Kemmuna kien ta' 743. Skond il-pjanta nkluża fil-paġni segwenti, li turi l-fanali fit-toroq tax-Xagħra fis-sena 1930, kien hawn madwar 78 fanal. Kien fihom biċċa xogħol mhux ħażin, meta tqis li wħud minnhom kienu jinsabu fit-trufijiet tar-raħal. Dawn riedu jinxtegħlu ta' kuljum.

Fis-sena 1914 faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 - 1918), segwita ftit snin wara mit-Tieni Gwerra Dinjija (1939 - 1945). Fis-6 ta' Ġunju 1916, l-awtoritajiet militari ħarġu ordni li, sakemm joħroġ avviż ieħor, ċertu numru ta' fanali tat-toroq kellhom jinżammu mitfija matul il-lejl. Naturalment, din l-ordni kienet tgħodd ukoll għax-Xagħra. Dawk li kienu ser jibqgħu mixgħula ried ikollhom il-ħġieġ miżbugħ b'żebgħa sewda. Dawn kienu jgħoddu sittax. Sa minn qabel il-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, ordinanza maħruġa fl-1938 kienet tesiġi li l-fanali kollha kellhom jinżammu mitfija. Flimkien ma l-ordni tal-*curfew*, fejn ħadd ma seta' joħroġ barra wara ċertu ħin, dawn il-liġijiet maħruġin fi żmien ta' gwerer kienu stretti ħafna.

Kienet ħaġa diffiċli li daqshekk fanali fix-Xagħra jinxtegħlu minn bniedem wieħed. Ħafna drabi, min

kien jieħu l-offerta kien iqabbad persuna oħra biex tgħinu. Naturalment, kull wieħed minnhom kien ikollu l-parti tiegħu x'jixgħel. Ix-Xagħra hi raħal kbir, u t-trufijiet tagħha jiġu mbegħda miċ-ċentru. Biex min jixgħel il-fanali jasal kważi sal-bidu Tal-Mielħa jew sa fuq ir-riħ ta' Għajn Ħosna, kellu mixja mhux ħażin. Meta l-offerta kienet toħroġ għal Għawdex kollu, bħal dik li semmejt qabel (21 ta' Novembru 1898), in-numru tal-kebbiesa tal-fanali kellu jikber.

Għall-imsejken kebbies tal-fanali, il-kundizzjonijiet ta' xogħlu kienu stretti ħafna. L-ispejjeż, fil-parti l-kbira, kienu responsabilta' tiegħu. Hekk, ngħidu aħna, pitrolju, ftejjel, ksur ta' ħġieġ u tubi tal-fanali. Il-ħlas kien miżeru. Fil-ktieb *Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu*, tal-Kanonku Giov. Andrea Vella, insibu li fil-bidu nett tal-mixegħla tal-fanali, il-ħlas bil-kemm kien ta' milleżmu għal kull fanal li jinxtegħel. Vera paga tal-mistħija! Wara, din telgħet għal tlett soldi (1c3), u aktar tard għal ħames soldi (2 ċenteżmi). Ftit qabel ma tneħħa l-użu tal-fanali, kien hemm xi żieda oħra.

Bħal f'kull raħal ieħor, ukoll fix-Xagħra, il-fanali ġeneralment kont issibhom fil-kantunieri tat-toroq. B'hekk il-fanal kien jagħti d-dawl lil żewġ toroq. Per eżempju, ftit 'l isfel mill-iskola primarja, ħdejn *Keyser Store*, insibu Triq it-Tiġrija u Triq Ġnien Xibla. Fuq il-faċċata tad-dar li tifforma kantuniera ma dawn iż-żewġ toroq, dari kien hemm imwaħħal fanal. Maż-żmien dan inqala'. Pero' l-propjetarju preżenti, b'sens ċiviku, waħħal fanal fejn kien jinsab il-qadim. Ftit passi 'l isfel, fejn Triq Patri Mattew Sultana tifforma kantuniera ma' Triq it-Tiġrija, fl-antik kien hemm fanal ieħor. Il-fanal m'għadux hemm, iżda parti mill-istruttura tal-ħadid, kollha sadid, li miegħu kien imwaħħal il-fanal, għadha tidher sa llum. Il-ħafna sqaqien li nsibu fix-Xagħra, minħabbba d-dieq



Fanal fis-Sqaq tal-Mitħna - Xagħra



Fanal fi Vjal it-8 ta' Settebru, Xagħra

tagħhom, kienu jkunu aktar mudlama mit-toroq. Allura kien jitwaħħal fanal fil-bidu tas-sqaq.

Il-fanali kienu jitwaħħlu mal-bini jew ma xi arblu tal-ħadid f'għoli ta' xi tnax-il filata. Il-ħin li fih kienu jinxtegħlu kien ivarja skond l-istaġun. Fix-xitwa dan kien isir għall-ħabta ta' l-erba' ta' wara nofsinhar. Fis-sajf kienu jinxtegħlu aktar tard. Il-fanali kienu jintfew ma sbieħ il-jum, fix-xitwa madwar is-sitta ta' filgħodu u fis-sajf aktar kmieni. Biex jitla' jixegħlhom, min kien inkarigat minn dan ix-xogħol kien juża sellum ta' għamla dejqa, magħmul minn materjal kemm jista' jkun ħafif.

Il-mod kif jintfew il-fanali kien wieħed prattiku u sempliċi. Kienet tintuża qasba dritta u twila kemm jista' jkun, li kienet tkun imħawħa sew minn ġewwa. Fit-tarf tal-qasba kien jitwaħħal pajp tar-ramm jew ta' materjal simili, magħmul f'forma ta' ganċ. Fil-qiegħ tal-fanal, li kien ikun magħmul mill-ħġieġ, kienet titħalla toqba biex minnha tista' tgħaddi l-qasba. Meta l-ganċ kien ikun eżatt fuq ir-riħ tat-tubu tal-lampa, il-kebbies tal-fanali kien jinfoħ ġol-qasba u b'hekk il-lampa tintefa. Mhux il-kebbiesa kollha kienu jużaw l-istess sistema biex jitfu l-fanali. Wieħed minnhom, inkarigat mill-fanali fl-Għasri, imlaqqam 'il-Ġandra', kien jitfihom permezz ta' pompa ċkejkna mwaħħla man-naħa t'isfel tal-qasba.

Ix-xogħol tal-kebbies kien jitlob ċerta ħidma. Ta' sikwit kien ikun irid inaddaf it-tubu tal-lampa u l-ħġieġ tal-fanal. Ried jara li dan ikollu pitrolju biżżejjed u li l-ftila tlaħħaq miegħu, għax inkella l-fanal jintefa'. Li tixgħel il-fanali fil-granet sbieħ tas-sajf kienet ħaġa faċli. Mhux hekk jista' jingħad għal ġranet ta' maltemp, b'xita u riħ. Li jitla' biss mas-sellum, f'dak il-maltemp kollu, kienet diġa' ħaġa diffiċli. Li jixgħelhom, ħafna drabi kienet tkun xi ħaġa kważi mpossibli. Kien hemm ukoll il-periklu li r-riħ jaqleb lill-kebbies minn fuq is-sellum. Kien żmien ta' faqar kbir,



Fortun Cordina ("Tal-Fanali")




*Pjanta tax-Xagħra, ċirka 1930, li turi fejn kienu mwaħħlin il-fanali tal-pitrolja.*

u l-imsejken kebbies tal-fanali kien ikollu jmidd għonqu għal dan ix-xogħol biex b'dik ix-xi ħaġa żgħira li kien jaqla' jgħix hu u jgħajjex lil familtu.

Il-kundizzjonijiet ta' l-offerta għal mixegħla tal-fanali kienu stretti ħafna. Il-fanali mxerrdin max-Xagħra kollha riedu jinxtegħlu kuljum. Kienet ħaġa spissa, speċjalment fl-iljieli xitwin, li jintfew xi wħud mill-fanali, imħabba r-riħ. Jekk il-kebbies jittraskura u ma jarax li dawn jerġgħu jinxtegħlu, xi 'erwieħ tajba' malajr kienu jmorru jagħmlu rapport fil-għassa tar-raħal. Il-pulizija ta' dak iż-żmien ma kontx tiċċajta magħhom. Dmirhom kienu jafu jagħmluh sewwa. Id-dixxiplina kienet kbira, u malajr il-kebbies tal-fanali kien jitwaħħal multa mis-superjuri tiegħu jekk ma jixgħelx il-fanal mitfi. Kritika kontra l-kebbies tal-fanali kienet issir u tidher fil-gazzetti ta' dak iż-żmien.

Sa mis-sena 1853, fil-*Malta Times* insibu lment dwar "*the miserable way in which the service of lighting the town.... is executed..*". Minn sorsi oħra nsibu li l-awtoritajiet ċivili wissew lill-kuntrattur tal-fanali "biex jixgħel dawk il-fanali li kienu ntfew u biex jirranġa ċ-ċumplar tagħhom". Mill-istess sorsi, insibu li eżaminaw żewġ fanali u sabuhom skarsi miż-żejt. F'dak iż-żmien, kien għad ma bediex jintuża l-pitrolju minn flok iż-żejt.

Tassew li seta' kien hemm każi ta' nuqqas mill-kebbies tal-fanali. Ta' dan kellu jħallas multa. Iżda għaliex in-nuqqasijiet taż-żgħir jiġu daqshekk imxandra u mperrċa, waqt li tal-kbar ħafna drabi jiġu mgħottija u mistura?

Xagħrin ta' madwar sebgħin sena jiftakruhom sewwa l-kebbiesa tal-fanali. Kienet xena tipika li, ma nżul ix-xemx, tarahom b'sellum fuq spallejhom iterrqu biex jagħtu ftit tad-dawl lir-raħal tagħna. Xemx jew xita, il-preżenza tagħhom fix-Xagħra ma kienet tonqos qatt. Id-dawl kajman tal-qamar jew tal-kwiekeb juruhom it-toroq jew sqaqien li fihom kien hemm fanali biex jinxtegħlu.

Il-kebbiesa tal-fanali fix-Xagħra kienu diversi, u mhux possibbli għalija li nsemmihom wieħed wieħed. Tlett kebbiesa li niftakar huma Fortun Cordina 'Ta' Lonza', Peppi Tabone 'Kebbis', u Dumink Galea 'Tan-Nirna'.

Lil Fortun Cordina, għalkemm nafu sewwa, ma niftakrux bħala kebbies tal-fanali, iżda niftakru bħala purtinar ta' l-iskola primarja tax-Xagħra, sezzjoni tas-subien. Fl-aħħar gwerra dinjija (1939 - 1945), l-iskola kienet f'dar privata fi Triq it-Tiġrija, ftit passi 'l isfel minn fejn illum hemm attwalment l-iskola primarja. Dakinhar kont għadni daqsxejn ta' tifel. Bniedem ferm, b'mustaċċi kbar kif kienet id-drawwa dakinhar, Fortun kien raġel dħuli ħafna, iżda fl-istess ħin ta' ċerta dixxiplina. Konna nsibuh bħala 'Fortun tal-Fanali'. Huwa jiġi n-nannu ta' l-Arċipriet Emeritus tax-Xagħra, Mons. Eucaristico Sultana. Fortun miet madwar ħamsa u tletin sena ilu, meta kellu tmienja u tmenin sena.

Peppi Tabone kien kebbies ieħor tal-fanali. Il-laqam tiegħu, 'Kebbis', kien jurik ix-xogħol tiegħu. Kien bniedem ta' l-affari tiegħu, u hekk ukoll rabba lil uliedu.

It-tfal tiegħu kienu jgħinuh f'xogħlu, billi jnaddfu l-fanali biex isibhom indaf meta jmur jixgħelhom. Minn dejjem kien hawn il-boloħ, u mhux darba jew tnejn kienu jitfulu xi fanal, biex jieħdu gost jarawh jerġa' jixegħlhu. Ma nżul ix-xemx, jew aħjar wara l-quddiesa ta' l-aħħar, kont tara lil Peppi joħroġ idur bis-sellum u b'landa tal-pitrolju biex jimla dawk il-fanali li jkunu ntfew. Biex jitħallas ta' xogħlu, kien imur l-għassa tal-pulizija tax-Xagħra. Ta' ġimgħa xogħol kien jitħallas *sixpence* (2ċ5). Meta kiber fiż-żmien, ix-xogħol tiegħu ta' kebbies tal-fanali għaddieh lit-tfal tiegħu. Dawn kienu jitqassmu mat-toroq tax-Xagħra, biex b'hekk jgħinu lil xulxin. Peppi miet ċirka ħamsin sena ilu.

Dumink Galea 'Tan-Nirna' kien kebbies ieħor li niftakru tajjeb. Fi tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija, meta reġgħu bdew jinxtegħlu l-fanali fit-toroq, beda hu wkoll jieħu l-offerta għal mixegħla tal-fanali. Fix-xogħol tiegħu bħala kebbies tal-fanali, kien isib l-għajnuna t'uliedu subien, li lkoll taw sehemhom f'din il-ħidma; wieħed jemigra u l-ieħor jieħu xogħolhu. Hu miet fl-1983, fl-eta' ta' disgħa u sebgħin sena.

Għalkemm fir-Rabat u f'xi rħula Għawdxin kien ilhom li kellhom id-dawl elettriku s-snin, id-dawl fix-Xagħra ma wasalx qabel is-sena 1950. Meta fil-parti l-kbira tagħha x-Xagħra kellha l-provvista elettrika, l-offerti għal mixegħla tal-fanali waqfet u l-fanali tneħħew. Illum ma għadek tara xejn minnhom, ħlief xi tlitt biċċiet ħadid imsaddad imwaħħlin f'xi kantuniera ta' bini qadim, li juru fejn kien hemm fanal imwaħħal.

Hija tassew ħasra li l-awtoritajiet ċivili ma għarfux jippreservaw dawn il-fanali billi jdawru l-użu tagħhom għal wieħed ta' żmienna. Kien pass għaqli li f'żewġ toroq ta' dan ir-raħal, Vjal it-Tmienja ta' Settembru u Triq il-Mitħna, twaħħlu fanali stil antik. Kieku dan il-pass jitkompla u jitwaħħlu fanali, almenu fis-sqaqien li tant għandna minnhom fix-Xagħra, raħalna jkollu dehra isbaħ. Nibżgħu għall-ambjent u l-folklor tagħna. B'hekk raħalna jkun ġawhra fost l-irħula Għawdxin.

**Ħajr lil:**
Dr. Aaron Hili, LL.D, M. Jur; Mons. Eucaristico Sultana, Arċipriet Emeritus; is-Sur Louis Bajada; is-Sur Anthony Calleja; is-Sinjorina Carmela Sultana; Familja Galea; Rev. Dun Ġużepp Cini; is-Sur Carmel Tabone.

**Biblijografija:**

*Raccolta di Proclami, Ordinanze, Notificazioni ed Altri Atti* - V - II (Malta), 5-10-1813; 1-3-1854.
*L'Ordine* - 205 (20 ta' Mejju 1882).
*Malta Times* (11 ta' Settembru 1853).
*Malta This Month* (Diċembru 1973).
*Il-Korpus - Leħen mill-Parroċċa ta' l-Għasri* - Anton Calleja.
*Servizzi Pubbliċi f'Malta* - John Bezzina.
*Malta Government Gazette* - 1677 (19 t'Ottubru 1849).
*L-Antenna* - 28 (30 ta' Lulju 1989 - 5 t'Awissu 1989).
*F'Għawdex fi Żmien il-Gwerra* - Frank Bezzina.
*L-Egħjun* (Ottubru u Diċembru 1991) - Louis Bajada.
*Iż-Żebbuġ u l-Ġrajja Tiegħu* - Kan. Giov. Andrea Vella.
*Risorgimento* - 3973 (21 ta' Novembru 1889).

Borg
ALUMINIUM LTD
**Aluminium Work**
**Profiles**
**Perspex**
**Glass & Accessories**

Giuseppe Labrè Street
Victoria, Gozo
Tel/Fax: 21 562792
Mob: 7960 2614

Qala Road,
Nadur, Gozo.
Tel/Fax: 21 553544
Mobile: 9947 1460